ma kellux jiħu anqas minn ħames mija u tmenin. Kulħadd kien aċċertah li s-Sur Tonin in-numru unu ħa. Għal dawn il-kelmiet ta' heġġa, żewġ Ċikka għamel ħila kbira. Fetaħ xi fliexken tal-ġnibru u tal-whisky u lestiehom għal meta jibda l-ferħ. Il-bibien u t-twieqi kienu miftuħa 'beraħ, waħedhom igħidulek għaddi. Is-Sur Tonin u martu bil-qiegħda fuq pultruna jgħoddu s-sekondi sa ma r-Rediffusion jibda jagħti r-riżultati.

Sbieħ it-Tlieta ħolom li tela' bil-kwota. Kulħadd ġie biex jifraħlu. Ħolom li laħaq Ministru tal-Biedja u li r-Reġina (li tagħha kien devot wisq) bagħtitlu telegramm ta' ferħ. Ħolom ukoll li Ċikka kienet telqitu għax ma kienx baqa' jirrispettaha. Qam inkwetat, iżda x'ħin lemaħ lil martu fl-isbaħ nagħsa serraħ rasu u kompla joħlom.

L-Erbgħa filgħaxija kien għadu kemm daħal id-dar meta sema' l-*announcer* tar-Rediffusion iħabbar li se jaqra l-ewwel 'count' tat-tielet distrett. Is-Sur Tonin ħares lejn martu, 'din tbissmitlu u għoqla ta' ferħ telgħet fi griżmejt. Qabbad sigarru... "Anthony Callus, benestant, Partit Malti tal-Bdiewa, tlieta... għal waqt ħaseb li ġejja tlitt elef) sebgħa—sebgħa u tletin".

Is-sigarru waqa' minn bejn snienu. Ċikka tat twerżiqa twila u kiesħa bħal meta tara far riesaq lejha. Qalbu ħassha tieqaf mit-taħbit, wiċċu sfar u ħdar; l-għaraq xaqq għalih; id-dawl naqaslu; rasu bdiet iddur bih u għal mument stħajlu Alla m'għamlu.

Ma riedx jemmen lil widnejh, iżda meta mar biex jagħlaq il-bieb u t-twieqi, minn wara l-persjana sema' 'l Ġiġi ta' Dajdi jgħid lil ċorma ġuvintur (li min jaf kemm-il grokk b'xejn kienu xorbu minn fuq dahru!)

"Nhar is-Sibt "is-sebgħa u tletin" se neħodhom prima b'riżq il-benestant tar-raħal!" Ma kien baqagħlu ebda dubju.

It-tabib deher dieħel ta' sikwit fid-dar tas-Sur Tonin u meta fieq, xi tliet xhur wara, reġa' taha għall-amurini u l-griedel.



## IL-MEWT TA' RUŻAR BRIFFA

Filwaqt li konna qegħdin inħejju l-istampa ta' **IL-MALTI** waslitilna l-aħbar tal-mewt tat-Tabib **RUŻAR BRIFFA**, il-Poeta liriku Malti, wieħed mill-Membri ewlenin tal-Għaqda tagħna, li magħha kien ingħaqad bl-isbaħ ħsieb li jqanqal fost l-istudenti sħabu l-imħabba għall-koltivazzjoni letterarja tal-Malti, hekk li rnexxielu wkoll li jwaqqaf fergħa letterarja Maltija fil-foldazzjoni tal-Għaqda tal-Malti ta' l-Università.

Għalkemm **RUŻAR BRIFFA** kien medhi bl-attivitajiet presidenzjali tal-Għaqda letterarja ta' l-Università hu dejjem baqa' marbut mal-Għaqda tagħna bl-istess ħeġġa li kellu għal dik ta' l-Università, hekk li ma kienx ikun hemm okkażjoni ta' laqgħat akkademiċi jew kommemorativi ta' ferħ jew luttu li ma kienx ikun minn ta' l-ewwel li jieħu s-sehem tiegħu, sew bħala membru tal-Għaqda kemm, xi mindaqqiet, bħala membru tal-Kunsill ta' l-istess Għaqda.

Fit-telfa li daru u pajjiżu kellhom iġarrbu bil-mewt tiegħu aħna ningħaqdu biex infissru wkoll il-ħasra u n-nket tagħna, aħna li nħossu li, barra li din it-telfa ħalliet vojt ta' persuna u ċittadin hekk għażiż fil-kwalitajiet professjonali u soċjali tiegħu, ħalliet vojt xejn inqasc fil-ġmiel tal-poeżija lirika tiegħu.

Il-Għaqda bħala turija ta' qima u għożża flimkien ma' Għaqdiet oħra, ta' ħbieb u professjonisti sħabu, ma naqsitx li tagħtih l-aħħar tislima fuq il-qabar tiegħu, kif ukoll li toffri quddiesa u talb għal ruħu.

B'deċiżjoni tal-Kunsill tal-Għaqda, **Il-MALTI** ta' Ġunju sa jkun Numru Speċjali dedikat għal Ismu bħala Membru tal-Għaqda u bħala wieħed mill-ewlenin u mill-ikbar poeti liriċi Maltin li żejjen il-paġni tal-Letteratura Moderna Maltija.